Azopardi kiteb għadd kbir ta' bċejjeċ mużikali imma l-aktar bċejjeċ tal-Knisja u l-lista hija wisq twila biex inġibuha hawn, imma biex nagħtukom ħjiel tar-riżorsi kbar tiegħu f'din il-materja biżżejjed ingħidilkom li mill-1768 sal-1807 kiteb aktar minn mitt biċċa fosthom 24 quddiesa u 16-il biċċa profani.

Francesco Azopardi miet f'Malta fit-8 ta' Frar, 1809. Fejn hu midfun?—*Rolandi*, il-bijografu ta' l-*Archivio Storico di Malta*, igħid li jinsab midfun fil-Konkattidral ta' San Ġwann, fil-waqt li l-Kanonku Pullicino tana dettalji sħaħ tal-kliem li hemm minquxin fuq il-lapida sepolkrali tiegħu, kliem li ġie miktub mill-Vigarju Ġenerali, il-Wisq Reverendu Dun Viċenz Galea. Din il-lapida tqiegħdet fl-1879 bħala tifkira tiegħu.

Kulma għidna s'issa huwa x'għamel il-Malti Francesco Azopardi għall-mużika, għal Malta tiegħu u għad-dinja mużikali.

Aħna x'għamilna għalih?

Kemm-il banda f'Malta ħasset id-dmir li tqimu billi titgħammed għal ismu?

Il-mużika tiegħu li, skond Pullicino, kienet tinsab merfugħa fl-Arkivju tal-Kattidral, għadha teżisti?

Kemm-il Banda għandha r-ritratt tiegħu fil-Każin tagħha, barra mill-Istitut ta' San Ġużepp?

Il-Gvernijiet li kellna minn 140 sena 'l hawn kemm-il triq semmew għalih, x'passi ħadu biex il-mużika tiegħu, jekk għadha teżisti, kultant nisimgħuha?

Kemm-il statwa tiegħu għandna fil-ġonna tagħna u bnadi oħra ħlief fl-Orpheum tal-Gżira?

Meta kellna, jaħasra, t-Tijatru Rjal, fit-taraġ li mid-daħla jtellgħek għall-*foyer*, kien hemm żewġ busti żgħar, wieħed ta' Francesco Azopardi u l-ieħor ta' Nicolò Isouard, imma huma wkoll jinsabu fost il-ħerba ta' dak il-bini, it-tijatru tagħna, li għalkemm ħadd ma għadu jsemmih, igemgem u jikteb fuqu, kulħadd iħoss li jmissu ġà raġa' tala'.

Jien nittama li jitla' ma jdumx għallanqas qabel ma dawk kollha li raw il-gwerra u li rawh isir ħerba ma jkunu lkoll taħt it-trab; u nittama wkoll li meta jtallgħuh, jarġgħu jidhru l-figuri ta' dawk iż-żewġ Maltin kbar, Azopardi u Isouard.



Iżda mhux taħt sura ta' żewġ busti żgħar, imma statwi sħaħ, ħalli kull meta nidħlu fit-Tijatru tagħna narawhom quddiemna hajjin, inħarsu lejhom bil-qalb u b'soddisfazzjon, niżżuhom ħajr ta' dak li taw lil Malta u lid-dinja, u nitolbuhom jaħfrulna talli nsejniehom — kif inħobbu ninsew lill-kbar tagħna — għal aktar minn seklu.

San Ġiljan, 19. 9. 48.

---

## IL-FERGHA TAS-SAGHTAR

*Ta'* GEORGE ZAMMIT

Imbagħad int qtajtli fergħa minn sagħtra,
U jien ressaqtha lejn imnifsejja:
Riħet is-sagħtar riħet il-ġenna;
Ftaħt bibien qalbi — bexxaqt għajnejja,

U rajt fil-mera t'għajnejk kbar, suwed,
Saltna ta' ħlewwa, saltna ta' dija;
Rajt ġmiel ix-xefaq bix-xemx imdawwal,
Art, baħar, sema bil-ġmiel miksija;

Xuxet is-siġar mar-riħ jitbandlu
Fil-bogħod, fl-egħlieqi, fi truf ix-xagħra;
Rajt ġmiel il-ħlejjaq bid-deheb imlibbsa
Tax-xemx tittawwal minn taħt l-imnara

Tas-sħab imrikkeb għolja fuq għolja
Ta' qawwa ssaħħar minn ħolma mbenna:
Ħolma fuq ħolma, qawwa fuq qawwa,
Tarġa fuq tarġa — taraġ il-ġenna...

Għabet id-dija, għabet il-ħolma:
Għabet, le mietet. Għax dik il-fergħa
F'kexxun imrekkna, sibtha snin wara;
U ma' fwiħitha ġie lura l-mera

T'għajnejk kbar, suwed, bi ġmiel ix-xefaq,
Bi ġmiel is-siġar minn żiffa mbenna,
Bis-sħab imlibbes id-deheb u l-ġawhar:
Ħolma fuq ħolma, ġawhar il-ġenna...

Il-Furjana, 7. 2. 49.